MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1260/2004

**Brands International Ltd**

**vs**

**Silvio Catania**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsix.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 29 ta' Mejjuj 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------